**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR. IMĦALLEF ANNA FELICE**

**Illum 9 ta' Diċembru, 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru: 977/2024 AF**

**Josephine Tonna, Mary sive Maria Rosa Fenech, Maria Dolores sive Mary Doris Borg u Carmel sive Carmelo Fenech**

**vs**

**Matthew Xuereb**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Josephine Tonna, Mary sive Maria Rosa Fenech, Maria Dolores sive Mary Doris Borg u Carmel sive Carmelo Fenech li permezz tiegħu, wara li ġie premess:

1. Illi r-rikorrenti Maria Dolores sive Mary Doris, Josephine u Carmel huma l-proprjetarji tal-fond bl-indirizz uffiċjali 16, 'Bernardette', Triq Dun Franġisk

Sciberras, il-Mellieħa, MLĦ 2029, Malta, hawn aktar ’il quddiem imsejjaħ ‘**il-fond**’, filwaqt li r-rikorrenti Mary sive Maria Rosa hija l-użufruttwarja tal-istess fond.

2. Illi r-rikorrenti Maria Dolores sive Mary Doris, Josephine u Carmel huma aħwa Fenech u huma wlied ir-rikorrenti Mary sive Maria Rosa Fenech nee` Chetcuti u d-defunt Giuseppe Fenech.

3. Illi l-fond kien oriġinarjament jappartjeni lill-istess Giuseppe Fenech flimkien ma’ ħutu Antonio, Giomaria, Marianna mart Antonio Cutajar, Rosina mart Joseph Bartolo, Vittoria mart Joseph Vella, Carmela mart Luigi Cutajar, f’settimi ($^1/_7$) indiviżi kull wieħed.

4. Illi permezz ta’ att ta’ bejgħ u trasferment datat nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta’ April tas-sena elf disa’ mija, ħamsa u ħamsin (1955), ippublikat fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor A. Galea, kopja hawn annessa u mmarkata bhala **Dok.A**, l-aħwa Giuseppe u Antonio Fenech akkwistaw mingħand ħuthom Giomaria, Marianna, Rosina, Vittoria u Carmela l-ħames settimi ($^5/_7$) indiviżi tal-fond li kienu jappartjenu li dawn ħuthom, konsegwenza ta’ liema l-fond sar jappartjeni lill-istess Giuseppe u Antonio, aħwa Fenech, f’nofs sehem ($^1/_2$) indiviż kull wieħed.

5. Illi permezz ta’ att ta’ diviżjoni datat nhar it-tlieta (3) ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija, sebgħa u ħamsin (1957), ippublikat fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor A. Galea, kopja hawn annessa u mmarkata bħala **Dok B**, l-aħwa Giuseppe u Antonio Fenech iddividew il-fond bejniethom skont id-deskrizzjoni msemmija fl-istess att.

6. Illi Giuseppe Fenech, li żżewweġ lir-rikorrenti Mary sive maria Rosa Fenech nee` Chetcuti nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta’ April tas-sena elf disa’ mija, tmienja u ħamsin (1958), miet testat nhar il-ħamsa (5) ta’ Diċembru tas-sena elf disa’ mija u disgħin (1990) – kopja taċ-Ċertifikat tal-Mewt hawn annessa u

mmarkata bħala **Dok Ċ**, u kopja tad-Denunzja ta' Proprjeta` Taxxabbli (Formola DDD1) hawn annessa u mmarkata bħala **Dok D.**

7. Illi mir-riċerki li saru – kopja taċ-ċertifkati relattivi hawn annessi u mmarkati bħala **Dok E** – irriżulta li l-aħħar testament ta' Giuseppe Fenech hu dak datat nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija, disa' u sebgħin (1979), ippublikat fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Anthony Gatt, kopja hawn annessa u mmarkata bħala **Dok F.**

8. Illi skont dan it-testment (ara **Dok F**), it-testatur Giuseppe Fenech:

- Ħalla b'titolu ta' legat lil martu r-rikorrenti Mary sive Maria Rosa Fenech l-użufrutt ġenerali tal-assi tiegħu kollha mobiljari u immobiljari, korporali u inkorporali ta' kull xorta u natura; u Innomina u istitwixxa bħala eredi universali ta' ġidu kollu, mobiljari u immobiljari, korporali u inkorporali ta' kull xorta u natura, lit-tliet uliedu r-rikorrenti Maria Dolores, Josephine u Carmel, fi kwoti ugwali bejniethom.

9. Illi kif jirriżulta fid-Denunzja ta' Proprjeta` Taxxabbli (ara **Dok D**), fil-ġurnata tal-mewt ta' Giuseppe Fenech, il-fond kien jifforma parti mill-patrimonju tiegħu (ara paġna 2 ta' **Dok D**).

10. Illi b'dan, il-fond iddevolva fuq ir-rikorrenti Maria Dolores, Josephine u Carmel, bir-rikorrenti Mary sive Maria Rosa jkollha d-dritt ta' użufrutt fuq l-istess fond.

11. Illi kif jidher pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern (edizzjoni nru. 19,985) ta' nhar it-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), kopja tal-paġna relattiva hawn annessa u mmarkata bħala **Dok G**, in-numru fl-indirizz uffiċjali tal-fond inbidel

minn 53 għal 16, b'dana li l-indirizz uffiċjali li kien jaqra 53, 'Bernardette', Triq Dun Franġisk Sciberras, il-Mellieħa, MLĦ2029, Malta.

12. Illi l-intimat qed jokkupa u jippossjedi l-fond mingħajr titolu validu fil-liġi, u qed jagħmel dan ukoll kontra l-volonta`, ir-rieda u x-xewqa tar-rikorrenti.

13. Illi kif anke jirriżulta mill-affidavits tar-rikorrenti Carmel Fenech u Josephine Tonna hawn annessi u mmarkati bħala **Dok H1** u **Dok H2** rispettivament, il-kont tad-dawl u l-ilma mas-soċjeta` Automated Revenue Management Limited (ARMS Ltd) marbut mal-fond li jġib in-numru 1010 0005 9559 qiegħed f'isem ir-rikorrenti Mary sive Maria Rosa Fenech qua użufruttwarja tal-fond, u filwaq li kull invoice mibgħuta fl-imsemmi kont f'dan l-aħħar żmien, tindika l-ammont fi ħlas dovut skont il-konsum li sar mill-intimat minn żmien għal żmien, l-intimat qatt ma ħallas tali pendenzi lir-rikorrenti.

14. Illi kif jidher mill-kopja tal-invoice numru 37628888 datata nhar is-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024), kopja hawn annessa u mmarkata bħala **Dok I**, l-ammont dovut fi ħlas għall-konsum tad-dawl u l-ilma tela' għal sitt mija u ħamsa u għoxrin Ewro u disgħin ċenteżmu (€625.90).

15. Illi b'ittra datata nhar il-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024), kopja hawn annessa u mmarkata bħala **Dok J**, is-soċjeta` ARMS Ltd bagħtet Avviż ta' Qtugħ li permezz tiegħu avżat li l-provvista ta' dawl u ilma tista' tiġi sospiża fi żmien sebat (7) ijiem jekk l-ammont dovut fi ħlas jibqa' ma jitħallasx.

16. Illi nhar it-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024), permezz tal-Ittra Uffiċjali numru 177/2024 kopja hawn annessa u mmarkata bħala **Dok K**, ir-rikorrenti Josephine Tonna f'isem u għan-nom ta' ommha Mary sive Maria Rosa Fenech (ai termini tal-prokura hawn annesssa u mmarkata **Dok L**)

interpellat lill-intimat sabiex minnufih jivvaka l-fond u jħallas fost l-oħrajn il-pendenzi fi ħlasijiet akkumulati sa dak iż-żmien għall-konsum f'dawl u ilma magħmul minnu fil-fond.

17. Illi f'dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti Josephine Tonna qed tidher f'isimha proprju kif ukoll f'isem u għan-nom ta' ommha Mary sive Maria Rosa Fenech u dan ai termini tal-Prokura surriferita (ara **Dok L**).

18. Illi għalhekk, apparti il-fatt li l-intimat qed jokkupa l-fond mingħajr titolu validu fil-liġi, l-intimat għamel arrikkiment għad-dannu tar-rikorrenti billi gawda minn servizzi u konsum ta' dawl u ilma fil-fond u dan mingħajr ma qatt ħallas lir-rikorrenti mitluba għal tali konsum.

19. Illi la darba u peress li l-intimat qed jirrisjedi fil-fond tar-rikorrenti mingħajr l-ebda titolu fil-liġi, u qed jagħmel dan kontra l-volonta`, ir-rieda u x-xewqa tar-rikorrenti, u billi gawda u qed igawdi minn servizzi u konsum ta' dawl u ilma mingħajr ma jħallas għalihom, fl-umli fehma tal-esponenti, l-intimat m'għandu l-ebda eċċezzjoni valida skont il-liġi x'jissolleva f'din il-kawża.

20. Illi għalhekk, jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi a tenur 167 et seq tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tinstema' u tiġi deċiża bid-dispenza tas-smiegħ.

21. Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti qegħdin umilment u bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tisma’ din il-kawża bid-dispenza għas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Tordna lill-intimat Matthew Xuereb sabiex jidher quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-jum u fil-ħin li jiġu mogħtija a tenur tas-subartikolu 2 tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat Matthew Xuereb qed jokkupa l-fond proprjeta` tar-rikorrenti, ossia l-fond bl-indirizz uffiċjali 16, ‘Bernardette’ Triq Dun Franġisk Sciberras, il-Mellieħa, MLĦ2029, Malta, mingħajr titolu validu fil-liġi.

4. Tordna lill-intimat Matthew Xuereb sabiex jiżgumbra mill-fond bl-indirizz uffiċjali 16, ‘Bernardette’, Triq Dun Franġisk Sciberras, il-Mellieħa, MLĦ2029, Malta, entro terminu qasir u perentorju li jiġi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.

5. Tordna lill-intimat Matthew Xuereb sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma ta’ sitt mija u ħamsa u għoxrin Euro u disgħin ċenteżmu (€625.90), konsistenti f’ammont dovut fi ħlas għall-konsum tad-dawl u l-ilma fil-fond bl-indirizz uffiċjali 16, ‘Bernardette’, Triq Dun Franġisk Sciberras, il-Mellieħa, MLĦ2029, Malta.

6. Tordna lill-intimat Matthew Xuereb sabiex iħallas l-ispejjeż ta’ din il-kawża u tal-eventwali mandat ta’ żgumbrament jekk ikun neċessarju.

Salv kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet kontra l-intimat, inklużi dawk tal-Ittra Uffiċjali 177/2024, li minn issa hu ngunt għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li minkejja li kien debitament notifikat l-intimat Matthew Xuereb, ma ressaq ebda kontestazzjoni għal kawża u lanqas ma deher fil-Qorti fil-jum tas-smiegħ.

Rat li r-rikorrenti, permezz tad-dokumenti u l-affidavit minnhom preżentati, irnexxilhom jippruvaw it-talbiet tagħhom sal-grad mitlub mil-Liġi u għalhekk il-Qorti tqis li l-istess talbiet huma mistħoqqa u għandhom jiġu milqugħa.

Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta.
Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba.
Tilqa' t-tielet talba kif dedotta.
Tilqa' r-raba' talba kif dedotta u għall-fini tagħha tipprefiġġi terminu ta' xahar mil-lum.
Tilqa' l-ħames talba u tordna lil Matthew Xuereb iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sitta mija, ħamsa u għoxrin Euro u disgħin ċenteżmi (€625.90).

L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu minn Matthew Xuereb.

IMĦALLEF

DEPUTAT REĠISTRATUR